# It-Twaqqif Tal-Fratellanza ta' San Ġużepp Fil-Kolleġġjata Elenjana - 1804

Fil-bidu tas-seklu XIX fil-Kolleġġjata Elenjana, kien hemm biss żewġ Fratellanzi, dik tas-Santissmu Sagrament imwaqqfa fil-parroċċa ta' Birkirkara mid-Delegat Appostoliku Mons. P. Dusina fl-1575[1] u l-oħra tal-Madonna tar-Rużarju li twaqqfet madwar l-1593.[2] Iżda fl-ewwel snin tas-seklu dsatax, in-numru ta' Fratellanzi fil-Kolleġġjata Elenjana żdied, bit-twaqqif ta' Fratellanzi ġodda, u l-ewwel waħda kienet dik ta' San Ġużepp (1804).

Talba biex titwaqqaf Fratellanza ġdida. Il-Fratellanza ta' San Ġużepp fil-Kolleġġjata Elenjana taf il-bidu tagħha permezz ta' rikors li sar lill-Isqof ta' Malta Mons. V. Labini, aktarx fl-ewwel xhur ta' l-1804, minn Ġużeppi Scicluna, il-prokuratur ta' l-altar ta' San Ġużepp fl-imsemmija knisja kolleġġjata.[3]

1 A. Fevas. Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo. (Facsimile Editore 1985, p. 318,319.
2 M. Fsadni. Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sa l-1620 (1974, p. 281).
3 A(rkivju) K(urja) A(rciveskovili) Suppliche 1786-1808 Vol. II f 701V - 702R).





TOYS AND GIFTS FOR ALL OCCASIONS

45, ST. HELEN SQUARE, B'KARA - TEL: 446657

Fl-imsemmi rikors Ġużeppi Scicluna informa lill-Isqof li f'Birkirkara kien hemm ħafna devoti ta' San Ġużepp li xtaqu jwaqqfu fil-knisja kolleġġjata ta' Birkirkara, fratellanza ad unur tiegħu, biex iżidu l-kult lejh u b'hekk isaħħu d-devozzjoni tagħhom.[1]

Ir-Regolamenti. Flimkien mar-rikors li sar lill-Isqof ġew ippreżentati numru ta' regolamenti dwar il-Fratellanza, li d-devoti ta' San Ġużepp f'Birkirkara xtaqu li titmexxa fuqhom.

L-ewwel regolament kien jgħid li kull min xtaq jinkiteb fil-Fratellanza kellu jħallas 15-il tari bħala dritt tad-dħul u erba tari oħra fis-sena bħala kontribuzzjoni biex isservi bħala għajnuna għall-bżonnijiet tal-Fratellanza. It-tieni artiklu kien dwar l-ilbies tal-Fratellanza, u jgħid li l-fratelli kellhom jilbsu kunfratija bajda u muzzetta ċelesti.

Il-ħames artiklu huwa interessanti ħafna għax jagħtina tagħrif dwar il-purċissjonijiet li kienu jsiru fil-Kolleġġjata Elenjana f'dak iż-żmien. Dan l-artiklu jgħid li l-imsemmija Fratellanza kellha tieħu sehem fil-purċissjonijiet li kienu jsiru fil-Kolleġġjata Elenjana fis-solennitajiet tal-:

(1)Kwarantuni tal-Milied,
(2)Ta' *Corpus Domini*,
(3)Tal-Madonna tal-Warda fl-ewwel Ħadd ta' Mejju,
(4)Tas-Salib Imqaddes,
(5)Tal-Madonna tar-Rużarju,
(6)Ta' Santa Liena,
(7)Ta' l-Erwieħ Kollha,
(8)Fis-solennitajiet oħra ta' l-istess knisja.[2]

Billi kif se naraw ir-rikors ta' l-imsemmi Scicluna ġie ppreżentat fl-ewwel xhur ta' l-1804, dan ifisser li fl-1804 kienu diġa' qegħdin isiru dawn il-purċissjonijiet fil-Kolleġġjata Elenjana.

Iżda l-fratelli tal-Fratellanza li kellha titwaqqaf riedu li l-Fratellanza tagħhom tkun akkumpanjata miż-żewġ Fratellanzi l-oħra tal-Vjatku[3] u tar-Rużarju, fil-purċissjonijiet tagħha tal-Festa ta' San Ġużepp, u l-oħra tat-Tielet Ħadd fuq il-Għid. Il-Fratellanzi permezz ta' l-artiklu VI, ipproponiet li tagħmel purċissjoni fil-knisja kull tieni Ħadd tax-xahar.[4]

Ir-Risposta tal-Prepostu. L-Isqof Labini, wara li rċieva dan ir-rikors fl-14 ta' Mejju, ordna li l-Prepostu Kurat tal-Kolleġġjata Elenjana jagħmel rapport lill-Kurja fuqha.[5] Mid-data tad-deċizjoni ta' l-Isqof jidher li r-rikors wisq probabbli sar fl-ewwel xhur ta' l-1804.

F'dak iż-żmien il-Prepostu Kurat tal-Kolleġġjata Elenjana kien il-Kanonku Pietru Pawl Micallef. Huwa għamel relazzjoni fuq l-imsemmi rikors, bid-data tas-16 ta' Mejju 1804.

Fir-relazzjoni tiegħu l-Prepostu qal li kien veru li f'Birkirkara kien hemm devozzjoni kbira lejn San Ġużepp, u għalhekk id-devoti tiegħu xtaqu li titwaqqaf

---

1 Ibid. f 701V.

2 Ibid. f 701V, 702R. Fl-istatuti l-purċissjonijiet imsemmija huma deskritti għala *le precessioni che se faranno in detta chiesa*, iżda m'hemmx dubju li wħud minnhom kienu joħorġu barra mill-knisja.

3 Il-Fratellanza tal-Vjatku, mingħajr ebda dubju dik tas-Santissmu Sagrament.

4 Ibid. f. 702R.

5 Ibid.

il-Fratellanza f'ismu, bl-istatuti u kundizzjonijiet annessi, li ma kienux kuntrarji għall-funzjonijiet u regolamenti tal-Kolleġġjata Elenjana.

Iżda l-Prepostu osserva li skond l-artikli 5 u 6, il-membri tal-Fratellanza l-ġdida ma kienux obbligati li jieħdu sehem fil-purċissjonijiet li jsiru fl-ewwel u fit-tielet Ħadd tax-Xahar mill-Fratellanzi tar-Rużarju u tas-Santissmu Sagrament. Il-Prepostu għalhekk kien tal-fehma li l-membri tal-Fratellanza l-ġdida, jiġu obbligati li jieħdu sehem fl-imsemmija purċissjonijiet tal-Fratellanzi, sakemm iż-żewg fratellanzi l-oħra jiġu wkoll obbligati li jieħdu sehem fil-purċissjoni li l-Fratellanza l-ġdida, kellha l-ħsieb li tibda tagħmel fit-Tieni Ħadd tax-Xahar skont l-artiklu VI.

Għaldaqstant il-Prepostu Micallef kien favur li jingħata l-permess biex titwaqqaf il-Fratellanza ta' San Ġużepp, bil-kundizzjoni li l-Fratellanza l-ġdida tieħu sehem fil-purċissjonijiet li jsiru fl-ewwel u t-tielet Ħadd tax-Xahar, iżda bil-kundizzjoni wkoll li ż-żewġ Fratellanzi l-oħra jieħdu sehem fil-purċissjoni li kellha ssir fit-Tieni Ħadd tax-Xahar.

Il-Kunsens ta' l-Isqof. L-Isqof, minn naħa tiegħu, wara li kkunsidra r-relazzjoni tal-Prepostu, nhar it-23 ta' Mejju 1804, bl-awtorita' tiegħu waqqaf il-konfraternita' ta' San Ġużepp fil-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Birkirkara. L-Isqof approva u kkonferma l-istatuti tal-Fratellanza bil-kundizzjonijiet espressi fir-relazzjoni tal-Prepostu.[1]

Winston Lawrence Zammit B.A. (Hons.) M.A.
18 ta' Marzu 1989,
Festa Liturġika ta' San Ġużepp

---

Ibid. f 702V. 703R.

